# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XVIII**
**Illum, it-Tlieta, 13 ta' Frar, 2001**

**Appell Nru 191/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Eleno sive Lino Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Eleno sive Lino Bezzina talli f'dawn il-Gzejjer matul is-snin immedjatament precedenti l-24 ta' Frar, 1993 (**1**) ghamel falsifikazzjoni f'atti awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe` b'falsifikazzjonijiet tal-firem ta' diversi propjetarji ta' artijiet fuq tlett prokuri fuq ismu, kif ukoll b'falsifikazzjonijiet fil-firem u fit-timbri tan-Nutar Dr Antoine Agius LL.D.; (**2**) xjenetement ghamel uzu mill-imsemmija kitba jew skritturi foloz; (**3**) sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz; (**4**) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, u cioe` billi ghamel uzu tal-imsemmija dokumenti foloz li permezz taghhom saru diversi kuntratti, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm88,500 (tmienja u tmenin elf u hames mitt lira) bi hsara ta' Mario Mallia ghan-nom tal-kumpanija Conmal Ltd u D. Clabb Ltd.; u kien akkuzat ukoll (**5**) li hu ricediv u li kiser il-provvedimenti ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 moghtija b'sentenza tal-Qorti tal-19 ta' April, 1990 fejn kien gie lliberat taht kundizzjoni li ma jikkommetix reat iehor fi zmien sentejn;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Lulju, 2000 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni, iddikjarat lill-imsemmi Eleno sive Lino Bezzina hati skond l-imputazzjonijiet kollha u kkundannatu ghal piena ta' sitt (6) snin prigunerija "minghajr ebda tnaqqis in konnessjoni ma' perjodu ta' zmien li l-akkuzat ghamel taht arrest preventiv";

Rat ir-rikors ta' appell ta' Eleno sive Lino Bezzina, minnu ppresentat fit-8 ta' Awissu, 2000, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta' Dicembru, 2000; ikkunsidrat:

Dana l-appell hu limitat ghall-piena. L-appellant, bazikament, jikkontendi li l-piena inflitta fuqu kienet eccessiva, specjalment in vista tal-fatt li l-ewwel qorti espressament qalet li mill-piena ta' sitt snin prigunerija m'ghandhux jitnaqqas iz-zmien ta' l-arrest preventiv. Hu jikkontendi wkoll li kkoopera mal-Pulizija u li anke irregistra ammissjoni quddiem l-ewwel qorti. Jghid ukoll li ghandu familja u tfal xi jmantni.

Din il-Qorti b'ebda mod ma hi impressjonata bis-sottomissjoni ta' l-appellant li hu ghandu familja u tlett itfal minuri xi jmantni. Ir-reati li taghhom huwa instab hati, u specjalment l-ammont ta' hsara kagunata lil terzi, <u>jimmeritaw certament piena karcerarja b'effett immedjat</u>, u dan apparti l-fatt li huwa kien diga nstab hati ta' truffa bis-sentenza tad-19 ta' April, 1990 imsemmija fil-hames imputazzjoni. L-appellant messu haseb ghall-familja qabel ma kkometta dawn ir-reati.

Kwantu ghall-kooperazzjoni tieghu mal-pulizija, huwa veru li l-appellant ammetta f'mizura konsiderevoli l-involviment tieghu meta kien qed jigi investigat; pero` huwa veru wkoll li meta tressaq il-Qorti fl-24 ta' Frar, 1993 huwa rregistra twegiba ta' "mhux hati" ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Kien biss fl-4 ta' Dicembru, 1997 – aktar minn tlett snin u erba' xhur wara n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali – li huwa biddel il-kontestatzzjoni tieghu. Ghalhekk l-appellant m'ghandux jippretendi wisq riduzzjoni fil-piena minhabba dana l-fatt ta' l-ammissjoni.

Kwnatu ghar-reati li taghhom l-appellant gie dikjarat hati, il-Qorti tosserva li l-ghola piena hija ghar-reati ta' falsifikazzjoni u uzu xjenti tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali. Din il-piena hija ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha. Kwantu ghar-reat ipotizzat bit-tielet imputazzjoni, il-piena hija ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn jew multa. Il-piena ghat-truffa aggravata skond l-Artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali hija ta' prigunerija minn seba' xhur sa tlett snin. Sfortunatament il-kopja tas-sentenza tad-19 ta' April, 1990,

ezibita mill-prosekuzzjoni fl-10 ta' Mejju, 1993 (fol. 153), m'ghandhiex id-dettalji mehtiega li minnhom wiehed ikun jista' jkun jaf verament x'kienu l-fatti wara r-reat ta' truffa li l-appellant kien qed jigi dikjarat hati tieghu b'dik is-sentenza. Din il-Qorti hi tal-fehma wkoll li japplika f'dan il-kaz il-paragrafu (h) ta' l-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali dwar il-konkors ta' reati u pieni meta zewg reati jew izjed ikunu servew bhala mezz biex isir reat iehor. Meta wiehed jiehu dan kollu in konsiderazzjoni, din il-Qorti hi tal-fehma li hi aktar indikata piena ta' erba' snin prigunerija milli dik erogata mill-ewwel qorti (u dan salv dak li sejjer jinghad in konnessjoni mal-arrest preventiv).

Mid-dokument ezibit fil-mori ta' dana l-appell mill-Avukat Generali jidher li, in konnessjoni ma din il-kawza partikolari, l-appellant ghamel is-segwenti periodi taht arrest preventiv:

mill-24 ta' Frar, 1993 sas-17 ta' Marzu, 1993
mis-6 ta' Lulju, 1993 sas-7 ta' Lulju, 1993, u
mis-16 ta' Marzu[1], 1994 sal-15 ta' Settembru, 1995.

Kwantu ghal dan l-ahhar periodu, jigifieri mis-16/3/94 sal-15/9/95, jidher mill-istess dokument li fil-fatt l-appellant kien qed jinzamm il-habs preventivament mhux biss in konnessjoni mal-kaz *de quo* izda in konnessjoni wkoll ma' mill-anqas tlett kawzi ohra. F'wahda minn dawn il-kawzi huwa tressaq akkuzat taht arrest fl-24 ta' Dicembru, 1993 u ma inghatax il-beneficcju tal-helsien mill-arrest qabel is-7 ta' Settembru, 1995. Ghalhekk f'dan l-ahhar periodu – 16/3/94 sa 15/9/95 – l-appellant kien proprjament privat mill-liberta` mhux minhabba l-kaz *de quo*, izda minhabba dana l-kaz l-iehor. L-irtirar tad-depozitu fis-16 ta' Marzu, 1994 (jew fis-16 ta' Frar, 1994 – ara n-nota *in calce*) kienet semplicement "a paper formality" peress li l-appellant kien diga taht arrest preventiv in konnessjoni mal-kaz l-iehor (cioe` dak fejn tressaq taht arrest fl-24 ta' Dicembru, 1993). Fi kwalunkwe kaz, l-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali jaghti diskrezzjoni lill-qorti li tqis, fil-gudizzju taghha, il-periodu ta' l-arrest preventiv hi u tiffissa l-piena, fis-sens li t-tnaqqis tal-periodu ta' l-arrest preventiv ma hix xi haga awtomatika.

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' sitt snin prigunerija minghajr ebda tnaqqis ta' l-arrest preventiv, u minflok tikkundannah ghall-piena ta' tlett (3) snin u ghaxar (10) xhur prigunerija mill-lum; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

[1] Il-Qorti tosserva a propositu ta' dina d-data li mill-process donnu jidher li l-ewwel qorti kienet awtorizzat lil certu Charles Bezzina li jirtira d-depozitu ta' Lm2,500 "prevja l-arrest mill-gdid tal-istess imputat" fis-16 ta' Frar, 1994 (fol. 233). Permezz ta' nota ppresentata mill-ufficjal prosekutur fl-24 ta' Frar, 1994 (fol. 245) l-ewwel qorti kienet giet infurmata li "Eleno sive Lino Bezzina jinsab il-habs civili ta' Kordin". Jista' jaghti l-kaz – pero` dana l-fatt ma jirrisultax car mill-atti – li l-imsemmi depozitu ma giex irtirat qabel is-16 ta' Marzu, 1994.

(ft) Paul Miruzzi
Deputat Registratur